Jiġifieri, kif qal hu, it-tifel iż-żgħir li għajjat miegħu għax seraq il-ħaġar, kien dak in-nifsu San Ġwann żgħir, li kellhom ir-Rħieb ġewwa s-sagrestija, fin-niċċa, qalb l-armarjijiet.

ELSIE.

# IR-RE TA' EDESSA U X-XBIEHA TA' ĠESU'

Il-Palestina, ftit 'l isfel minn Ħajfa, hemm raħal fuq xatt il-baħar jismu Kajsarija. Dak fil-bidu tiegħu kien belt żgħira Feniċja, jisimha Borġ-Straton. Ħamsa u għoxrin sena qabel ma



**Ix-Xbieha ta' Ġesù, li kif jingħad mill-qedem, bagħatha Huwa lir-Re Abgar, ta' Edessa. Il-kliem ta' taħt ix-xbieha hu dan: "Vera Imago Dni. Nostri Jesu X.ti ad Regem Abagarium missa." Din ix-xbieha tinsab fil-Kumisserija tal-Qabar ta' Kristu, il-Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.**

twieled Ġesù. Erodi l-Kbir lil dil-belt żgħira biddilha f'belt kbira u sabiħa, billi d-daħla ta' baħar tagħha għamilha marsa mill-aqwa, u ma' dwarha bena bini bħal dak li jkun fihom il-bliet Rumani l-kbar, u semmieha *Caesarea,* li minnha ħareġ l-isem li għandha l-lum: Kajsarija. Mill-bikri f'din il-belt tnisslu l-Insara (ara l-Atti ta' l-Appostli, kap X, vv. 1-44)), u żmien Kostantinu, jiġifieri ftit fuq it-tliet mitt sena wara Kristu, kien Isqof tagħha wieħed Grieg, jismu Ewsebju.

Dana Ewsebju kiteb ħafna kotba fuq l-ewwel żmenijiet tal-Insara, u fosthom l-Istorja tal-Knisja — l-ewwel waħda li nkitbet. F'din l-istorja (I, 13) Ewsebju jgħid li hu n-nifsu kkopja żewġ ittri mill-arkivju ta' Edessa, waħda li kiteb Abgar, re ta' dik il-belt, lil Ġesù, u oħra li kiteb Ġesù lir-re Abgar, u li magħha bagħatlu wkoll xbieha tiegħu, għax ir-re kien xtaq li jarah. Aħna dawn l-ittri u x-xbieha sa nġibuhom hawn, biex jitfarrġu bihom il-qarrejja.

L-ittra ta' Abgar, maqluba mill-lsien Sirjak, tgħid hekk:—

"Abgar ir-re, lil Ġesù il-Ħellies, is-sliem. Smajt bik u bil-fejqan li tfejjaq mingħajr duwa u mingħajr ħxejjex. Lil għomja ġġiegħlhom jaraw; lil għoroġ jimxu; lil imġiddmin, jinsfaw. Tħarrab l-erwieħ il-ħżiena, issaħħaħ il-morda, u saħansitra tqajjem il-mejtin. U billi smajt dan kollu fuqek, nemmen li inti Alla n-nifsu li nżilt mis-sema, għal hekk tagħmel dawn l-egħġubijiet. Għal hekk ktibtlek biex nitolbok li kieku tiġi sa ħdejja u tfejjaqni mill-marda li għandi. Għax smajt ukoll li l-Lhud qegħdin jeħduha miegħek u jfittxu li jagħmlulek il-ħsara. U jien

għandi art żgħira, imma tajba, li hi biż-żejjed għalina t-tnejn."

Din l-ittra, kiteb Ewsebju, kienet mibgħuta minn Abgar, mis-Surija, lil Ġesù, li kien Ġerusalem, ma' wieħed ġarrier, jiġifieri li jġorr l-ittri minn pajjiż għall-ieħor, jismu Ananija. Ġesù kiteb ittra oħra (dejjem kif jgħid l-Isqof Ewsebju), u bagħatha ma' Ananija wkoll. U bagħatlu magħha x-xbieha tiegħu fuq ħarqa tal-għażel, li ssawwret billi Ġesù messha ma' Wiċċu, u x-xbieha tħalliet hemm. L-ittra ta' Ġesù lil Abgar hi din—:

"Imbierek, inti, Abgar, li emmint fija, mingħajr ma rajtni. Għax hu miktub li wisq nies fost dawk li jarawni ma jemmnux fija, imma fost dawk li ma rawnix, bosta jemmnu fija u jgħixu. Fuq dak li tlabtni biex niġi għandek, ngħidlek li jeħtieġli ntemm ix-xogħol li għalih jiena mibgħut hawn. U wara li nkun temmejtu, nitla' għand dak li bagħatni. Imma wara li nitla' nibgħatlek wieħed mill-qaddejja tiegħi biex jeħilsek mill-marda li għandek u jagħtik is-saħħa u l-ħajja, lilek u lil dawk kollha li għandek miegħek."

Issa, biex nifteħmu sewwa, dawn l-ittri aktarx li m'humiex minnhom, jiġifieri, aktarx li mhux tas-sew li Abgar kiteb ittra lil Ġesù, u Ġesù kiteb ittra lil Abgar. Jista' jkun li kien hemm xi ħaġa żgħira minnha, jiġifieri li Abgar kien 'marid (jgħidu li kien imġiddem) u bagħat jitlob lil Ġesù li kieku jmur ifejqu, u li Ġesù bagħat jgħidlu li jirsellu wieħed mill-Appostli wara ftit taż-żmien. Imbagħad l-Insara l-antiki kabbruha u tawha għamla ta' żewġ ittri, bħal ma ġiebhom Ewsebju, kif rajna fuq. U x-xbieha wkoll aktarx li sawwruha l-insara l-qodma, minn rajhom ukoll. Aħna hawnhekk ġebnihom, bħal ma ġebuhom ħafna oħrajn qabilna, għax għal qdumija tagħhom tisthoqqilhom qima, u għax ma fihom ebda xejn ħażin.

Hemm ukoll ittra oħra, miktuba f'isem ta' wieħed fizzjal Ruman, jismu Lentulus, li għanelli li kien fil-Lhudija fi żmien Pilatu. Sa nġibuha hawn ukoll, kif inhi miktuba fi ktieb imsemmi: "Christus-Bilder (Xbiehat ta' Kristu) miktub minn von Dobschutz, faċ. 318.

"Deher f'dan i-żmien u għadu hawn wieħed raġel ta' qawwa kbira, jismu Ġesù. In-nies jgħidu li hu profeta u x-xirka tiegħu jgħidu li hu Iben Alla. Hu raġel twil u sabiħ, wiċċu jnissel qima, li kull min iħares lejh iħossu jħobbu u jibża' minnu. Xagħru qastni u mieles sa widnejh; minn widnejh 'l isfel imġiegħed u jagħti fl-iswed, u jasal sa fuq kitfejh. F'nofs rasu għandu l-ferq bħan-Nażrijin. Xbinu wiesa' u lixx, wiċċu mingħajr tikmix jew tebgħa, jagħti fil-ħmura. Fommu u mnieħru ma fihom ebda għajb. Għandu leħja sfiqa, mil-lewn xagħru, ma hix twila wisq, u maqsuma min-nofsha. Ħarstu għaqlija u għajnejh żoroq jibru. Tal-biża' fil-għadab; ħanin fit-twissijiet; għaqli u miġbur f'kull ma jagħmel. Kemm il-darba deher jibki u qatt ma deher jidħak. Fi kliemu ċar u qasir, bla żjieda u bla żijna. Sewwa jgħidu li qal il-profeta li huwa ṭemmi f'kollox fost ulied Adam."

Milli jidher min kiteb din l-ittra kellu quddiemu xbieha ta' Ġesù minn dawn il-qodma, bħal din li ġibna hawnhekk. U ngħiduha mill-ġdid biex nifteħmu sewwa: dawn l-ittri u x-xbieha ma tistax tgħid li huma minnhom. La t-tnejn tal-ewwel u wisq anqas din tal-aħħar li ġibna hawn fuq.

Fra Piet, O.F.M.